MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 324/2008

Complete Supplies Limited (C15472).

Vs

Marisa Muscat ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mechanical Techniques Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u ghaxar ewro u sitta u erbghin centezmu (€410.46) minghand il-konvenuta nomine, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilha mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-fattura kontra l-konvenuta nomine ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta nomine giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta nomine naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta nomine thallas is-somma ta’ erba mija u ghaxar ewro u sitta u erbghin centezmu (€410.46), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta nomine.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------